# Carlo Diacono

## *il-Kompożitur Żejtuni li ħabb lil Santa Katerina V.M.*



*1876-1942*

Carlo Diacono t-tieni iben ta' Orazju Diacono u Franġeska Saveria, née Darmanin twieled fl-1 ta' April 1876. Huwa twieled iż-Żejtun f'numru 28 Pjazza Girgor Bonici.

Carlo ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland u sena wara fl-1887 hu beda jmur il-Liċeo. Fl-1891 fl-età ta' ħmistax-il sena hu kkompona l-ewwel innu lil Santa Katerina fuq il-versi tal-poeta Żejtuni Dun Mikiel Cassar. Sena wara Carlo laħaq surmast tal-Banda Beland u organista fil-parroċċa taż-Żejtun. Carlo għaqqad kor f'din il-parroċċa stess u beda jingħata l-ewwel kummissjonijiet f'diversi knejjes bħal dik tal-knisja tad-Dawl fil-Bidni, limiti ta' Ħaż-Żabbar.

Fl-1923, is-Surmast Carlo Diacono laħaq Maestro di Cappella tal-Katidral. Sena wara l-mużika tiegħu ġiet esegwita fil-*British Empire Exhibitio* f'Wembley. Il-mużika tiegħu ġiet esegwita f'Ruma fl-1938, fil-Kajr fl-1942, u fi New York fl-1957. Fl-1935, fl-okkazjoni tas-*Silver Jubilee* tar-Re Ġorġ V, is-Surmast Carlo Diacono dderieġa 37 banda f'daqqa fil-*Main Guard* u fuq Kastilja.

Carlo Diacono ħalla numru kbir ta' xogħlijiet. Fost l-iktar magħrufa nsemmu żewġ opri teatrali *L'Alpino* u *Villa Azzurra* li ma laħaqx komplieha kollha.

Insibu wkoll tliet oratorji: *San Paolo a Naufragio*, *Transitù di S. Antonio* u l-*Cantico di Frate Sole*. Huwa ħalla bosta kantati fosthom *Notte di Natale*, *O Roma Felix*, *Preghiera alla Vergine* u *Ave Signor*. Rumanzi – *Il Grido del Cor*, *Tremonto Sul Mar*, *Malta Ġawhra tal-Mediterran* fost oħrajn. Ma naqsux bosta preludji għall-orkestra, sinfoniji, marċijiet u mużika sagra.

Carlo Diacono ħalla xejn inqas minn 45 quddiesa ta' Glorja u 22 quddiesa funerbi. Kiteb ukoll innijiet, salmi u antifoni.

Fost l-antifoni nsibu dawk iddedikati lil Santa Katerina. Carlo Diacono miet fil-15 ta' Ġunju 1942 f'nru. 42 Triq il-Kbira, Ħal Lija. L-għada ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku fiż-Żejtun.

Biex jibqgħu dejjem jiftakru f'Carlo, iż-Żwieten ħasbu biex jagħmlu bust tal-bronż fuq il-bieb tad-dar fejn kien jgħix, f'Misraħ Girgor Bonici. Il-bust hu tal-Kavallier Vincenzo Apap. Il-bust inkixef nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 1967 minn Frank Diacono iben Carlo.



*Affresk tas-Seklu 14 fil-knisja parrokkjali ta' Celano fl-Abbruzzo ġewwa l-Italja.*